



Il-Kummissjoni
Ewropea



PERSUNI EŻEMPLARI

NIPROMWOVU
VALURI KOMUNI

Erasmus+

INGĦAQAD MAGĦNA

- > Jekk inti **għalliem jew ħaddiem soċjali** u tixtieq ittella' avveniment b'persuna eżemplari fil-komunità tiegħek
- > Jekk tixtieq tiegħu sehem bħala **persuna eżemplari**
- > Jekk diġà qed tmexxi **inizjattiva simili...**



Ikkuntattja lill-Aġenzija Nazzjonali tal-Erasmus+ u ara x'għażliet qed joffru: ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/contact/national-agencies_mt

AKTAR TAGĦRIF



- > Il-persuni eżemplari jieħdu sehem b'mod volontarju
- > L-Aġenziji Nazzjonali tal-Erasmus+ jistgħu jadattaw l-inizjattiva għall-kuntest ta' pajjiżhom
- > L-Aġenziji Nazzjonali tal-Erasmus+ jistgħu jużaw finanzjament mill-Erasmus+ biex jikkontribwixxi lejn l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tal-organizzazzjoni għal avvenimenti marbutin ma' din l-inizjattiva
- > Il-persuni eżemplari jistgħu jkunu inklużi fl-implimentazzjoni ta' proġetti ta' kooperazzjoni sostnuti mill-programm Erasmus+, inkluż f'applikazzjonijiet li jitressqu taħt sejħiet għal proposti tal-Erasmus+ (ec.europa.eu/programmes/erasmus-plus/opportunities/calls_mt)

Inizjatti- vi sostnuti mill-Erasmus+

Ir-Repubblika Ċeka għażlet
“The Magnificent Seven”
- seba' persuni eżemplari
li l-istess tagħhom jiġu
rakkuntati permezz tal-
midja soċjali u sensiela ta'
avvenimenti.

Fil-Greċja, l-inizjattiva ġiet
ittestjata f'reġjuni żvantaġġati,
u f'Settembru 2017 ittellgħu
avvenimenti lokali f'Komotini u
Ioannina, fejn għalliema
tal-primarja, tas-sekondarja u
tal-edukazzjoni vokazzjonali
rċevew taħriġ flimkien mal-
kandidati għal persuni eżemplari.

Lejn tmiem l-2017,
f' Bordeaux, Franza,
sar proġett pilota
fejn ambaxxaturi taċ-
ċittadinanza tal-Erasmus+
intagħżlu u rċevew taħriġ
biex jiltaqgħu u jithaddu
ma' studenti, għaqdiet
u klabbs tal-isports,
b'approċċi innovattivi u
interattivi.

© L-Unjoni Ewropea, 2018

L-użu mill-ġdid huwa awtorizzat kemm-il darba jissemma
s-sors oriġinali.

Il-politika tal-użu mill-ġdid tad-dokumenti tal-
Kummissjoni Ewropea hija rregolata bid-Deċiżjoni
2011/833/UE (ĠU L 330, 14.12.2011, p. 39).

Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal
ieħor li mhux iex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-UE,
għandu jintalab permess direttament mingħand id-
detenturi tad-drittijiet.

Persuna eżemplari tkun...

- > xi ħadd li tammirah/a
- > xi ħadd li jmessi bl-eżempju
- > xi ħadd bi storja li tista' tkun ta' ispirazzjoni għal żgħażaġh li jeħtieġu gwida



Għala din l-inizjattiva ta' persuni eżemplari?

Fl-Ewropa tal-lum, fost l-inugwaljanza li kulma jmur qed tikber u t-theddid vjolenti tal-estremiżmi, huwa essenzjali li nişqu fuq valuri Ewropej komuni, bħad-demokrazija, is-solidarjetà u r-rispett tal-jeddijiet tal-bniedem. Din l-inizjattiva ssaħħaħ l-inklużjoni soċjali, il-ftehim reċiproku fost il-kulturi, u l-ħsieb kritiku. Billi noffru eżempji ta' persuni li jinspiraw liż-żgħażaġh, bil-valuri komuni fil-qofol ta' ħajjithom ta' kuljum, nistgħu ngħinu l-bini ta' soċjetajiet għonja, tolleranti u inklussivi fl-Ewropa.

IL-PERSUNI EŻEMPLARI

Jiġu minn sfond personali u professjonali ta' kull tip. Kultant ikunu terrqu mogħdija mhux tas-soltu biex skoprew il-vokazzjoni vera tagħhom. Spiss ikunu għelbu ostakli mill-kbar nett, li għenuhom ikomplu jikbru u jlestu ruħhom għal dak li kellhom jaffaċċjaw.

L-esperjenzi tagħhom jistgħu jservu ta' eżempji għal-żgħażaġh li jkunu qegħdin ibatu biex isibu posthom fis-soċjetà, jew li jkunu għaddejjin mit-tentazzjoni li jmorru għal soluzzjonijiet ħfief.

Billi jkellmu lin-nies, il-persuni eżemplari

- > jinspiraw lin-nies biex ikomplu jikbru, jieħdu f'idejhom ir-riedni ta' ħajjithom, u jgħinu jtejbu l-ħajja tan-nies ta' madwarhom.
- > iħeġġu lin-nies jimpenjaw ruħhom fis-soċjetà, u jaħsbu mod ieħor fuqhom infushom u fuq x'inhom posthom fil-komunità tagħhom.

Inizjatti- vi sostnuti mill-Erasmus+



F'April 2017 tnediet inizjattiva Taljana bl-isem "A model to dream", li tiffoka fuq kif tista' tiġi evitata l-esklużjoni soċjali fost iż-żgħażaġħ sabiex ma jisfawx radikalizzati. Ġew ippreżentati persuni eżemplari li jistgħu jispiraw liż-żgħażaġħ u jħeġġuhom isarrfu t-tamiet tagħhom f'realtà. Ittelligħu żewġ avvenimenti fl-2017, wieħed fil-Puglia (dwar kif tintrebaħ il-biża') u l-ieħor f'Milan (fuq ir-riskju ta' esponiment għall-vjolenza u r-radikalizzazzjoni fuq l-internet).

FIL-PRATTIKA...

Il-Kummissjoni Ewropea ħolqot netwerk, sostnut mill-Erasmus+, li jippermetti lill-partijiet ikkonċernati lokali jistiednu lil persuni eżemplari jaqsmu l-esperjenzi tagħhom maż-żgħażaġħ u jħeġġuhom jegħlbu l-isfidi tagħhom ta' kuljum.

L-Aġenziji Nazzjonali tal-Erasmus+ fil-pajjiżi tal-programm Erasmus+ qegħdin iwettqu din l-inizjattiva, waħedhom jew bi sħab ma' organizzazzjonijiet lokali.

Il-ħsieb hu li jkun hemm aktar persuni eżemplari li jiltaqqgħu mal-udjenzi fil-mira f'kontesti varji, mingħajr xkiel finanzjarju jew amministrattiv għall-komunitajiet li jieħdu sehem.



Fis-sajf tal-2017, fi bliet tal-Lvant tal-Litwanja (Visaginas, Šalčininkai u oħrajn), persuni eżemplari qasmu aneddoti dwar l-iktar mumententi ta' sfida f'żgħożithom, pariri dwar kif wieħed għandu jagħżel professjoni, u fehmiet dwar xi tfigisser iċ-ċittadinanza Litwana u dik Ewropea.



Il-Kummissjoni
Ewropea



PERSUNI EŻEMPLARI

NIPPROMWOVU
VALURI KOMUNI

Erasmus+